MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1331/2002/1

**Avviz numru: 1331/02AE**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**Vs**

**Elvin Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm379.68), import ta' sitt kambjali, ta' Lm63.28 il-wahda pagabbli kull xahar bejn Jannar u Gunju 1999.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat,  ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Malcolm Pace jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm379.68), bl-imghax fuq kull kambjala mid-data li mmaturat.

L-ispejjez  huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**